**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**ONOR. MAĠISTRAT DR. NADINE LIA LL.D.**

Il-Qorti,
Rat ir-Rikors;
Rat ir-Risposta;
Tichad ~~Tilqa'~~ it-talba. għad-differiment iktar qasir in vista li ma tressqux raġunijiet mill-appellanti skont l-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali
Data:

Dr Nadine Lia
Maġistrat

Repubblika

VS

Kummissarju tal-Pulizija

Registru Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali
No: 1796
25 JUL 2022
Hallas
Malta

**RISPOSTA TAL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA GĦAR-RIKORS INTAVOLAT MINN DR. JASON AZZOPARDI DATAT 18 TA' LULJU 2022**

Illum, il-25 ta' Lulju 2022.

Jesponi bir-rispett:

Illi l-esponent il-Kummissarju tal-Pulizija ġie notifikat bir-rikors hawn fuq citat;

Illi fl-imsemmi rikors, ir-rikorrent Dr. Jason Azzopardi għan-nom tal-assoċjazzjoni Repubblika qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tappunta data tas-smigħ tal-isfida ferm qabel is-27 ta' Ottubru 2022;

Illi l-esponent, umilment jissottometti li se joqgħod għal kull deċiżjoni li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li għandha tieħu.

Daqstant għandu x'jissottometti l-esponent lil din l-Onorabbli Qorti.

Spettur Pauline Bonello
Għall-Kummissarju tal-Pulizija

Ipprezentat minn
Sptt. Pauline Bonello

Illum 25 JUL 2022

Bla / b' _______ dokumenti

Deputat Reġistratur

Audreann Buttigieg
Deputat Reġistratur
Deputy Registrar
Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati (Malta)
Courts Services Agency (Malta)

20/7/22
Il-Qorti tordna komunika lill-Kummissarju tal-Pulizija b'terminu (5) ġranet għar-risposta

Registru Qrati ta' Gurisdizzjoni Kriminali
No: 1297
18 JUL 2022
Hallas
Malta

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Lil Magistrat Dr. Nadine Lia**

**Appuntat 27.10.2022**

Fl-atti tar-rikors guramentat tan-Nutar Robert Aquilina (ID 313178M) fil- kwalita tieghu ta' President ta' REPUBBLIKA, assocjazzjoni li hi registrata bhala persuna guridika mar-Registratur ghal Persuni Guridici (LPA-122).

Jesponi bil-qima:

Illi r-rikorrent gie infurmat mid-Deputat Registratur tas-Sinjura Magistrat Dr Nadine Lia li dan ir-rikors gie appuntat ghas-27 ta' Ottubru 2022, jigifieri iktar minn tliet xhur ohra;

Illi filwaqt li r-rikorrent jifhem li certament il-Qorti hija mghobbija u impenjata b'hafna xoghol u seduti, jehtieglu jgib din l-umli talba ghall-attenzjoni u decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

Ir-rikorrent ihossu fid-dmir li jkun trasparenti u leali lejn din l-Onorabbli Qorti u huwa ghalhekk li jrid minn issa jinforma lil din l-Onorabbli Qorti li dakinhar tal-ewwel seduta tas-smigh ta' dan ir-rikors, ikun meta jkun u s'issa huwa ghal tliet xhur ohra, huwa ser jitlob ir-rikuza tas-Sinjura Magistrat li qed tippresjedi s-smigh ta' dan ir-rikors ghal diversi ragunijiet naxxenti mill-ligi, mill-gurisprudenza u anke minn digrieti ta' astensjoni tal-istess Sinjura Magistrat u r-ragunijiet hemm moghtija korrettement;

Ovvjament skond il-ligi t-talba tar-rikuza trid issir bilfors waqt l-ewwel seduta tas-smigh tal-kawza u peress li dan ir-rikors jinsab appuntat ghas-27 t'Ottubru 2022 ir- rikorrent xtaq bl-ikbar umilta u sens ta' korrettezza jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tressaq 'l quddiem id-data tas-smigh ta' dan ir-rikors;

Ir-rikorrent, filwaqt li jerga' jtenni li huwa ben konxju tal-agenda sostanzjali ta' seduti u xoghol iehor li din l-Onorabbli Qorti ghandha minn issa sa Ottubru li gej, huwa wkoll konxju u cert li din l-Onorabbli Qorti tifhem u hija konxja tal-importanza u sensitività ta' dan ir-rikors

taht l-art.541 tal-Kap.9 li jitratta t-talba ghal passi kriminali kontra persuni b'konnessjonijiet politici kbar in segwitu ta' Inkjesta Magistrali li swiet iktar minn €7.5 miljun u li inghalqet fl-2021, u li ghalhekk ma jkunx fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja li l-ewwel data tkun tliet xhur ohra meta fl-istess data ser issir talba ta' rikuza.

Ir-rikorrent, a skans ta' kull ekwivoku, jerga' jtenni b'sens ta' korrettezza massima, u jaghmilha cara minn issa li t-talba ta' rikuza li sejjer iressaq <u>ma titrattax</u> l-imparzjalita oggettiva tal-gudikant izda dik soggettiva u m'ghandu <u>ebda dubbju</u> mill-integrita personali tal-gudikant li qed tippresjedi dawn il-proceduri.

Imma in omagg tal-principju li l-gustizzja trid **tidher** li qed issir, kif din l-istess Onorabbli Qorti kif ippresjeduta qalet b'tant korrettezza fid-digriet taghha tas-16 Dicembru 2019 ta' astensjoni fl-Inkjesta Magisterjali dwar il-*phantom job* ta' Melvin Theuma, ir-rikorrent jinsab komfortat li din l-Onorabbli Qorti ser tifhem il-genwinita u l-urgenza tat-talba tieghu li jkollu seduta akkordata lilu fil-vicin;

Huwa f'dan id-dawl li r-rikorrent umilment qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti takkordalu data ferm qabel is-27 ta' Ottubru 2022 sabiex fiha jkun jista' jressaq it- talba ta' rikuza skond il-ligi.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tappunta d- data tas-smigh ta' dan ir-rikors tieghu taht l-art.541 tal-Kap.9 ghal data ferm qabel is-27 t'Ottubru li gej, u dan fl-aqwa interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja b'mod li s-smigh fil-mertu tat-talba tar-rikors taht l-art.541 tal-Kap.9 li ghamel ir-rikorrent jibda fi zmien iktar vicin, u dan taht kull provediment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timpani

**Avv. Jason Azzopardi**

<u>ja.jasonazzopardi@gmail.com</u>

Ipprezentat minn
Dr. J. Azzopardi

Illum 18 JUL 2022

Bla / b' ______ Audrianne Buttigieg
Deputat Registratur
Deputy Registrar
Agenzija ghas-Servizzi tal-Qrati (Malta)
Courts Services Agency (Malta)